**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Paul Vassallo)**

**(Spettur Angelo Gafà)**

**vs**

**Tarcisju Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru:191/13**

**Illum, 15 ta' Dicembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Tarcisju Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 1065644 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu bejn is-sena 1998 u s-sena 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in

konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, ha interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellu ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, ha interess privat f'affari li dwarha kien inkarigat jaghti ordnijiet, jaghmel likwidazzjonijiet, ragunamenti jew hlasijiet ta' kull xorta li jkunu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) fejn intalab li din il-Qorti ghandha ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

a. fl-artikoli 115(b)(c), 18 u 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 124 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 125 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 23, 23A, 30, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan wara li nqraw l-Artikoli supracitati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur dak iz-zmien l-**Ispettur Angelo Gafà** hareg illi dawn l-investigazzjonijiet gew inizzjati wara rapport fuq il-gazzetta lokali MaltaToday li kien jittratta fuq allegat

korruzzjoni fuq ix-xiri taz-zejt mill-Enemalta fuq membri tal-kumitat tal-aggudikazzjoni. Inghad ukoll illi waqt l-investigazzjoni gie mitkellem certu George Farrugia illi kien agent ta' xi kumpaniji taz-zejt u li kien inghata kuntratti mill-Enemalta fejn wara li nghata Proklama mill-President, dan tkellem fuq affarijiet li kellhom x'jaqsmu ma' dawn l-investigazzjonijiet.

Ix-xhud jghid illi George Farrugia qallhom illi certu Alfred Mallia li dak iz-zmien kien il-kap tal-*petroleum division* tal-Enemalta fetahlu l-bibien biex jidhol fl-Enemalta billi kien ghenu sabiex jaghmel *storage agreements* bejn l-Enemalta u l-kumpanija taz-zejt li kien jirraprezenta u cioe' t-*Total*. Jghid illi Alfred Mallia kien talab ghall-*commissions* a bazi ta' din l-ghajnuna li kien imur ihallas regolarment hu stess lil Mallia. Dan jghid li kien jigri billi mill-Power Plan Limited (li kienet il-kumpanija li biha kien jopera Farrugia) kien johrog *pay self cheques*, isarrafhom u jghaddi l-flus lill-istess Mallia li qatt ma kienu jkunu l-istess ammont. Dan kien is-sena tal-elf disgha mija u disgha u disghin. Darba minnhom Mallia kien qallu li ma kienx wahdu u fil-fatt kellu jahseb ghal ohrajn ukoll. Farrugia jghid illi aktar 'il quddiem irrealizza li dan

kien qed jirreferi ghal Tarcisju Mifsud li dak iz-zmien kien il-Kap tal-Finanzi tal-Enemalta.

Ix-xhud jghid illi Farrugia kien qallu li darba minnhom meta kien hemm strajk fil-port l-Enemalta kellhom bzonn urgenti taz-zejt u sar arrangament ta' darba bejn il-kumpanija *Total* u l-Enemalta fejn Mallia kien inghata kummissjoni ta' madwar ghaxart elef dollaru Amerikan (USD10,000). Jghid illi ghal kull tender li Farrugia kien jirbah, Mallia kien dejjem jinghata kummissjoni. Jghid illi meta Mallia kellu accident gravi li kellu jibqa' l-isptar ghal tul ta' zmien dan kien qal lil Farrugia sabiex jibqa' jaghti din il-kummissjoni lil Tarcisju Mifsud li allura dan kien ser jaqsam ma' Mallia. Farrugia kien qallu li dan Mifsud kien qallu li issa kellu jibda jaghti l-flus lilu. Però Farrugia kien qallu li huwa dejjem kien haqqu jirbah dawn it-tenders ghaliex huwa dejjem kien l-aktar kompetittiv u ghalhekk kien ihallas biex jassigura dak li kien haqqu.

Ix-xhud jghid illi l-imputat dejjem innega l-involviment tieghu ma' George Farrugia anke wara li kien sarlu konfront mal-istess.

Rat id-dokumenti relattivi ghall-impjieg tas-Sur Tarcisju Mifsud mal-kumpanija Enemalta Corporation (Dok. JS1 u JS2 u Dok AB1).

Rat il-kuntratti tal-Enemalta bejn is-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) sas-sena elfejn u tlieta (2003) ipprezentati minn Antoine Galea (Dok ANG1).

**Eric Montfort** mill-kumpanija Enemalta pprezenta sett ta' minuti tal-*Fuel Procurement Committee* li gew immarkati bhala Dok EM1, EM2 u EM3.

Xehed ix-xhud principali u cioe' **George Farrugia** li jghid illi fis-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) kien qed jipprova jidhol fil-qasam taz-zejt hawn Malta meta kien hemm strajk tal-haddiema tax-xatt. Dak iz-zmien kien jirraprezenta lill-kumpanija taz-zejt *Total* u jghid illi Alfred Mallia kien avvicinah sabiex jara jekk it-*Total* kinux interessati li jbighu dan il-prodott lill-Enemalta. Dan jghid illi Mallia qallu li jekk dan il-bejgh isir kellu jahseb fih u li ma kienx wahdu izda din il-persuna ma kinitx taf min hi. Wara din it-tranzazzjoni it-*Total* bdew jidhlu ghal tenders u dejjem Mallia kien jithallas. Jghid ukoll illi meta Mallia kellu incident bil-

karrozza u allura kien zmien 'il boghod mix-xoghol, dan kien qal lix-xhud sabiex jibda jkellem lil Tarcisju Mifsud. Ix-xhud jghid illi meta kellem lil Mifsud, dan qallu li issa kien ser jibda jiehu hsieb hu u kull pagament li kien jaghti lil Mallia issa kellu jibda jtih lilu personalment.

Jghid illi dawn it-tranzazzjonijiet kienu jsiru wara li kien jithallas mit-*Total per metric tonne*. Huwa kien jaghti bhala kummissjoni nofs dak li kien jaqla' hu. Jghid illi meta kien ihallas lil Mallia kien imur l-ufficcju tieghu jew id-dar tieghu Hal Qormi mentri ghand Mifsud dejjem l-ufficcju. Huwa jahseb li lil Mifsud u lil Mallia bejniethom tahom is-somma ta' erbghin Elf Lira Maltin (LM40,000). Jghid illi sahansitra darba minnhom cempillu l-imputat fejn kien staqsih ghal xi arretrati li kellu jhallsu ghaliex ix-xhud jghid illi kien hemm xi istanzi meta ma hallasx. Jghid illi huwa kemm-il darba ltaqa' ma' Mifsud anke quddiem nies ohra bhal Prof. Ghirlando u dan ghaliex meta l-imputat u x-xhud kellhom konfront quddiem l-ufficjal investigattiv, l-imputat innega li dan kien jafu.

Inkontroezami huwa jghid illi b'dawn l-arrangamenti huwa kien jghid lil hutu li kienu involuti mieghu fin-negozju partikolarment lil Salvu u Raymond.

Xehed **Prof. Robert Ghirlando** li dak iz-zmien tal-allegat reat kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Enemalta. Jghid illi fiz-zmien meta huwa kien fil-kariga l-imputat kien il-kap tal-Finanzi tal-Enemalta kollha sija fil-qasam tal-Petroleum kif ukoll dak tal-Elettriku. Jghid illi l-imputat ma kienx ikun prezenti waqt il-*board meetings* izda kien ta' sikwit jikkonsulta mieghu. Fuq mistoqsija inkontroezami x-xhud jghid illi qatt ma ra xejn hazin mill-imputat meta kienu waqt il-*fuel procurement meetings* li forsi kien ikun insistenti fuq xi persuna jew ohra li kellha tiehu xi tender. Bhala procedura x-xhud jghid illi meta kienu jidhlu *bids* dawn kienu jidhlu go *telex machine* li kienet tkun imsakkra fil-kamra tad-*Deputy Chairman* u liema *bids* kienu jinfethu biss waqt il-laqgha meta jkun hemm kulhadd prezenti.

Semghet ix-xhieda tal-imputat **Tarcisju Mifsud** u dan wara li l-prosekuzzjoni ghalqet bil-provi taghha wara li ma baqghetx tinsisti fuq ix-xhieda ta' Alfred Mallia, Frank Sammut u Tancred

Tabone. Illi l-imputat Tarcisju Mifsud ikkonferma l-verzjoni li kien ta fl-istqarrijiet tieghu fejn dan rega' nnega kull involviment ma' George Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija mill-Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Ferris** (datata 17/3/16).

**Ikkunsidrat**

Illi preliminarjament din il-Qorti trid tirrimarka illi d-difiza ma qajjmet l-ebda eccezzjoni jew talba a rigward l-istqarrijiet tal-imputat odjern f'dawn il-proceduri u dan qed jinghad ghaliex dawn l-istqarrijiet ma kellhomx il-kawteli kollha necessarji skont is-sentenzi ricenti fuq il-punt. Ghaldaqstant din il-Qorti ma hijiex ser tippronunzja ruhha dwar dan il-punt.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat Tarcisju Mifsud huwa addebitat bir-reat ta' korruzzjoni bhala r-reat principali u l-aktar gravi. Dan ir-reat huwa

sancit bl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:-

*"(1) Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jircievi jew jaccetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall- fatt biss li jkun accetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*that jekk, barra milli jkun accetta l-ħlas, il-wegħda jew l- offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' prigunerija minn sena sa tmien snin."*

Illi r-reat ta' korruzzjoni li bih hu addebitat l-imputat huwa dak naxxenti mis-subinciz (b) tal-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9. Din hija

dik meqjusa bhala korruzzjoni passiva cioe' dik allegatament imwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku. Illi n-Novissimo Digesto Italiano (UTET, 1957, vol. IV, v, corruzione, p. 899) ikkwotat anke fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza citata aktar 'il fuq f'din is-sentenza u li giet pprezentata f'dawn l-atti (Dok TMX) inghad illi:

> *"La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe' il fatto dell'intraneus, pubblico ufficiale e incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio. La seconda, e cioe' l-attivita', e' costituita dal fatto del corruttore; e riguarda cioe', la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."*

Illi ghalhekk fil-korruzzjoni passiva irid ikun hemm il-ftehim volontarju bejn l-ufficjal u l-persuna. Jekk imbaghad dak li jkun gie prospettat u miftiehem fil-fatt isehh u ghalhekk l-ufficjal ikun naqas li jaghmel dak li jkun fid-dmir li jaghmel, dan l-agir jaqa'

taht is-subinciz (c) tal-Artikolu 115 li ghalih ukoll l-imputat hu akkuzat bih.

Illi r-reat ta' korruzzjoni skont il-**Professur A. J. Mamo** fin-Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55):

> *"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea** nghad is-segwenti:

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru - fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."*

Din il-Qorti kompliet tghid ukoll illi:

*".... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal- paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal- effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal- impjegat."*

Illi l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma deskritti f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs</u>**

**<u>Joseph Buhagiar et</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) fejn gew deskritti hekk:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.

2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.

3. L-azzjoni tal-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r- rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.

4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel. Jinghad li dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie ppruvat.

1. **<u>Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku</u>**

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir- reat. Il-kliem tal-ligi huwa wieghsa u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat

tal-Gvern. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982) il-Qorti rriteniet li:

> *" ...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu that id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..".*

Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.

Cheveu Helie fil-fatt jghid li:

> *"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradixxi mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha".*

Illi mill-provi prodotti hareg car illi l-imputat kien impjegat tal-korporazzjoni Enemalta fiz-zmien meta twettaq l-allegat reat,

liema korporazzjoni kienet imwaqqfa bil-ligi u kienet korporazzjoni tal-Gvern. Ghaldaqstant l-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.

2. <u>L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd</u>

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero' l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hawnwhekk terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata ll-**<u>Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.</u>** Fejn inghad li:

*"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew*

*utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

B'dan pero' illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni. Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jrid jinghad ukoll illi minn kliem il-ligi stess mhux necessarju li r-rigal, weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu.

Illi fil-kaz in dizamina hareg mix-xhieda tax-xhud ewlieni f'dawn il-proceduri u cioe' George Farrugia, li tali weghda u accettazzjoni saret bejnu u allegatament bejn Alfred Mallia li qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Illi skond l-istess Farrugia kien biss wara li Mallia wegga' u hareg ghal xi zmien mix-xoghol, li kien qallu li ghandu jibda jaghti dawn il-flus lill-imputat. Ghaldaqstant jekk wiehed jibqa' biss fuq dan il-fatt, tali sollecitazzjoni u weghda ma saritx bejn l-imputat u Farrugia u ghalhekk il-kwistjoni kienet tieqaf hemm.

Illi gara li jekk din il-Qorti toqghod fuq il-verzjoni ta' Farrugia bhala wahda veritiera u li ghandha mis-sewwa huwa jkompli jghid illi Tarcisju Mifsud kien cempillu sabiex ikompli jaghti dawn il-flus u mill-konfront li sar bejn it-tnejn qal illi dawn kienu ltaqghu diversi drabi anke quddiem terzi persuni.

Illi hawnhekk taqa' l-kredibilita' ta' dan ix-xhud. Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-ebda telefonata bejn l-imputat u George Farrugia. Inoltre' ma gabet l-ebda prova li dawn it-tnejn kienu ltaqghu diversi drabi. Il-persuni li semma Farrugia u li ttellghu

bhala xhieda l-anqas biss gew mistoqsija sabiex jikkonfermaw dan il-fatt u l-anqas huma ma semmew xejn.

3. <u>L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun inkonnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu</u>

Dan it-tielet element kontemplat fir-reat skont l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mill-ufficjal pubbliku inkonnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioe' li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skont l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficcjal pubbliku pero' mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel.

Fis-sentenza gia kkwotata <u>Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri</u> l-Qorti rriteniet li:-

> *"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill- ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

Fil-fatt il-Professur Mamo jikkonferma billi jghid:-

> *"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon".*

Is-sentenza tal-Appell imbaghad tkompli tghid li:

*"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar- rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal- funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz.....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu - imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012) il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jissussistix.

Illi dawn il-fatti huma simili hafna ghal kaz inezami u dan ghaliex ma jirrizultax oltre d-dubju dettat mil-ligi li effettivament l-imputat qatt talab li xi rigali, jew addirittura li qatt wieghed li ser jaghmel xi haga ghal xi forma ta' retribuzzjoni. Dan qed jinghad fl-isfond li din il-Qorti ma hijiex qed tistrieh fuq il-verzjoni ta' George Farrugia stante li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra cirkostanzjali biex issahhah tali verzjoni.

F'dan ir-rigward anke jekk wiehed joqghod fuq il-verzjoni ta' George Farrugia, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova oltre' kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu xi sehem fl-ghoti ta' dawn it-tenders. Huwa veru illi l-imputat kien membru ta' dan il-Bord ta' *Fuel Procurement* izda hareg ampjament mill-provi li anke li kieku kien accetta xi flus, dan qatt ma seta jinfluwenza l-ghoti ta' dawn it-tenders lil Farrugia bhala agent tat-*Total* ghaliex il-mekkanizmu kif kien isir dan il-process ma kienx f'idejh. Inoltre' x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ikkonfermaw li qatt ma kien hemm xi pressjoni mill-imputat sabiex xi hadd b'mod partikolari George Farrugia jinghata xi tenders.

Di piu' jekk Farrugia jghid fix-xhieda tieghu li hu kien haqqu jiehu dawk it-tenders ghaliex l-offerti tieghu kienu l-aktar vantaggjuzi, ghaliex allura qatt ma pprova jittenderja minghajr ma jaqa' fl-zball. Dan kollu huwa ghal kwantu suspettuz. U jekk din il-Qorti ghandha temmen lil Farrugia, ghaliex ma baqax ihallas lil Mallia meta huwa stess qal li meta Mallia kien ghadu jahdem huwa kien xi kultant imur ihallsu d-dar. Ghalfejn Mallia kellu jdahhal persuna ohra fix-xena anke jekk kien veru li l-imputat kien involut f'dan il-kaz. Il-logika tghidlek illi jekk persuna tkun involuta f'xi haga llecita ma jaghmilx sens li ddahhal persuna ohra fix-xena.

Fl-ahhar nett prova ohra li ma gietx migjuba mill-prosekuzzjoni huma x-xhieda ta' hu George Farrugia sabiex jikkonfermaw li huma kienu jafu bl-allegat tixhim minn Alfred Mallia u Tarcisju Mifsud hekk kif kien xehed l-istess George Farrugia fix-xhieda tieghu.

**<u>4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel</u>**

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu inkontrokambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid:

> *"..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any improper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."*

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid:

> *"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."*

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** l-Qorti irriteniet:

*"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel. Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."*

Interessanti dak li qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012), taht il-ligi taghna:

*"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d- dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him*

*in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Ghaldaqstant huwa car illi taht il-ligi Maltija, sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni tal-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku.

Illi fil-kaz in dizamina ma giex ippruvat x'seta' ghamel ezatt l-imputat, jekk naqasx milli jaghmel dak li kien fid-dover li jaghmel jew mod iehor. Dan qed jinghad ghaliex provi tal-minuti esebiti wehidhom mhix prova sufficjenti. Il-minuti ma juru xejn hlief li saru dawn il-laqghat. Ma jurux li l-imputat perezempju kien vociferu li kien qed jaqbez ghal Farrugia minghajr raguni valida. Xejn minn dan! L-unika prova li ghandha quddiemha din il-Qorti hija x-xhieda ta' George Farrugia li bl-ebda mod ma giet korroborata u bl-ebda mod ma tqisha wahda kredibbli ghar-ragunijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi hawnhekk il-Qorti qed tikkwota l-Artikolu 637 tal-Kodici Penali fuq kredibilita' tax-xhud George Farrugia u li ghalhekk ma hijiex

qieghda tigi meqjusa bhala kredibbli x-xhieda tieghu. Dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

*"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:"*

Illi min-naha l-ohra l-imputat Tarcisju Mifsud minn dejjem innega tali involviment tieghu wisq anqas li kien jaf personalment lil George Farrugia li tali verzjoni ma gietx irribattuta mill-prosekuzzjoni. Huwa kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu minn meta ta l-istqarrija tieghu anke meta sar il-konfront sa meta ta x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant, konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti

mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li:

*"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament gie espress mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-*

*Qorti qalet li "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Illi finalment ghaz-zewg akkuzi l-ohra addebitati lill-imputat dawn huma konsegwenzjali ghar-reat principali ta' korruzzjoni u gialadarba ma hijiex ser tinstab htija fuq dan ma tistax tinstab htija fuq dawn iz-zewg akkuzi.

Illi kif diga' nghad aktar 'il fuq, wara li gew evalwati dawn il-kriterji thoss illi l-aktar verzjoni kredibbli hija dik tal-imputat Tarcisju Mifsud u dan in vista tal-fatt illi l-prosekuzzjoni bl-ebda moda ma gabet provi mod iehor li b'xi mod ixejnu tali verzjoni. Inoltre' kif inghad ukoll thoss illi l-verzjoni ta' George Farrugia kienet nieqsa minn elementi sufficjenti sabiex tigi meqjusa kredibbli.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Tarcisju Mifsud** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**